# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 4.2

**Kapitlu 4: Ejja nkunu ħbieb tajbin!**

**Lezzjoni 4.2: Il-ħbieb x'jagħmlu?**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jifhmu xi tfisser ikunu ħbieb veri.
2. Jifhmu li l-ħbiberija vera tintwera meta jien :
   - ngħin lil kulħadd (mhux lil sħabi biss);
   - naqsam milli għandi mal-oħrajn.

**Ir-iżorsi għal-lezzjoni:**

**-Siġġijiet biex nilagħbu 'Musical Chairs'.**

**-*Starboard Presentation*:Il-ħbieb x'jagħmlu 4.2.**

**-Youtube video: 'The Rainbow Fish' ta' Marcus Pfister:**
http://www.youtube.com/watch?v=h6S4IPMs5ZY

**- Karta ta' taħriġ: 4.1**



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Stieden lit-tfal jilagħbu **Musical Chairs**. F'din il-logħba t-tfal jitgħallmu l-kunċett li jaqsmu l-affarijiet mal-oħrajn b'mod mhux kompetittiv u fejn kulħadd huwa rebbieħ. Din il-logħba tixbah lil **Musical chairs,** fejn waqt li tindaqq il-mużika, it-tfal iduru mas-siġġijiet mdawrin f'ċirku. Dejjem ikun hemm siġġu nieqes. Fi **Musical Chairs**, meta tifel jew tifla jibqgħu barra għax ma jsibux siġġu, dak it-tifel jew dik it-tifla jridu jsibu lil xi ħadd minn sħabhom li jkun lest li jaqsam is-siġġu magħhom. Jibqgħu joqogħdu bilqiegħda flimkien tul il-logħba kollha. Isiru mseħbin. Il-logħba tibqa' sejra hekk sakemm kulħadd ikun imsieħeb ma' xi ħadd u jaqsam is-siġġu miegħu. Jekk in-numru tat-tfal ikun bil-fard, l-għalliema jew LSA tilgħab ukoll.
- Għid lit-tfal: "Ħa nara wiċċkom! Illaħwa kemm tidhru ferħanin. Kulħadd ferħan ġol-klassi. Dan għaliex?"
- Spjega lit-tfal, kemm hi xi ħaġa sabiħa li niftiehmu u li naqsmu ma' min m'għandux. B'hekk inkunu ħbieb tajba u kulħadd ikun ferħan. Il-ħbiberija tagħmilna ferħanin.



## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Uri lit-tfal imġibiet oħra li jagħmluna ħbieb tajbin jew ħbieb mhux tajbin permezz tal-iStarboard Presentation **Il-ħbieb x'jagħmlu**.
- Hawn it-tfal jaraw diversi stampi ta' mġibiet differenti. Uħud minnhom huma tajbin u oħrajn mhux tajbin. It-tfal iridu jimmarkaw l-imġiba tajba billi jmexxu stampa ta' wiċċ ferħan ġol-kaxxa tagħha u jimmarkaw l-imġieba ħażina billi jmexxu stampa ta' wiċċ imdejjaq ġol-kaxxa tagħha.
- Minn paġna 2 sa paġna 11 tal-*presentation* it-tfal iridu jagħżlu l-imġiba tajba u jpoġġuha fil-bużżieqa tat-taħdit li għandu Ġesù, filwaqt li jarmu l-istampa tal-imġiba ħażina fil-bin. L-attività hija *self-correcting* għaliex l-istampi tal-imġiba ħażina ma jiġux jidhru fil-bużżieqa tat-taħdit.



Minn dawn il-logħbiet l-għalliema ssaħħaħ dawn l-attitudnijiet:

- Naqsmu mal-oħrajn u ma nżommux kollox għalina.
- Nitkellmu, mhux nitgħajru jew niġġieldu.
- Inkunu ħbieb dejjem, anke meta xi ħadd jimrad jew ma jkunx b'saħħtu.
- Kulħadd ħabib, anke min hu differenti minni.
- Il-ħbieb jgħinu lil xulxin u jaħdmu flimkien.
- Il-ħbieb jilagħbu u ma jiġġildux wisq.
- Il-ħbieb ma jidħkux b'xulxin jew iwarrbu lil xulxin.

Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 4.1 u flimkien bħala klassi għin lit-tfal jgħaqqdu l-verb mal-istampa t-tajba. Wara t-tfal ipinġu l-istampi.

Uri l-istorja ta' Marcus Pfister **The Rainbow fish.**

Din hija storja ta' ħuta sabiħa bl-iskwami mlewnin. Imma din il-ħuta ma kellhiex ħbieb għax ma riditx taqsam l-iskwami mal-ħut l-oħra. Il-qarnita tagħtiha parir biex issellef l-iskwami lill-oħrajn u l-ħuta hekk tagħmel. Bil-mod il-mod il-ħuta tagħmel ħafna ħbieb għax titgħallem taqsam mal-oħrajn.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Biex ikolli l-ħbieb, l-ewwel inkun ħabib tajjeb jien.
2. Il-ħbieb jgħinu, jsellfu, jaħdmu u jilagħbu flimkien.
3. Il-ħbieb ma jiġġildux wisq, ma jwarrbux lil xulxin, ma jgħajrux u ma jżommux kollox għalihom.
4. Il-ħbieb ma jidħkux b'xulxin jew iwarrbu lil xulxin.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)




Ma nħallu lil ħadd barra . Ngħinu,

nitkellmu u nilagħbu ma' kulħadd.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Storja ta' Marcus Pfister 'The Rainbow Fish':

URL: http://www.youtube.com/watch?v=h6S4IPMs5ZY



## Nitolbu

Għinni Mulej ħalli nġib ruħi dejjem tajjeb mal-ħbieb tiegħi.

